**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Dokument ta' sessjoni*

**A8-0129/2018**

28.3.2018

# RAPPORT

dwar t-titjib tas-sostenibbiltà tad-dejn tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw
(2016/2241(INI))

Kumitat għall-Iżvilupp

Rapporteur: Charles Goerens



Magħquda fid-diversità

## WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ................................ 3

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI ................ 15

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI ....... 16

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar t-titjib tas-sostenibbiltà tad-dejn tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw (2016/2241(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra t-taqsima dwar id-dejn u s-sostenibbiltà tad-dejn tal-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa (paġni 27-29),

– wara li kkunsidra r-rapporti tas-Segretarju Ġenerali tan-NU tat-22 ta' Lulju 2014, tat-2 ta' Awwissu 2016 u tal-31 ta' Lulju 2017 dwar is-sostenibbiltà tad-dejn estern u l-iżvilupp,

– wara li kkunsidra l-prinċipji tal-UNCTAD (Konferenza tan-NU dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp ) għall-għoti ta' self u l-assunzjoni ta' dejn sovrani b'mod responsabbli,

– wara li kkunsidra l-Pjan Direzzjonali tal-UNCTAD għar-Ristruttrar Sostenibbli ta' Dejn Sovran (April 2015);

– wara li kkunsidra l-Linji Gwida Operattivi tal-G20 dwar il-Finanzjament Sostenibbli,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni 68/304 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tad-9 ta' Settembru 2014 bit-titolu "Lejn l-istabbiliment ta' qafas ġuridiku multilaterali għall-proċessi ta' ristrutturar tad-dejn sovran",

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni 69/319 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tal-10 ta' Settembru 2015 dwar il-prinċipji bażiċi tal-proċessi ta' ristrutturar tad-dejn sovran,

– wara li kkunsidra l-Prinċipji Gwida dwar id-Dejn Barrani u d-Drittijiet tal-Bniedem ifformulati mill-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Mejju 2015 dwar il-finanzjament għall-iżvilupp, b'mod partikolari l-paragrafi 10, 26, 40, 46 u 47 tagħha[1],

– wara li kkunsidra l-istudji maħruġa mill-korp ta' riċerka "Global Financial Integrity" dwar l-iskala u l-kompożizzjoni tal-flussi finanzjarji illeċiti,

– wara li kkunsidra l-liġi Belġjana tat-12 ta' Lulju 2015 kontra l-attivitajiet ta' fondi opportunistiċi ("Moniteur belge" tal-11 ta' Settembru 2015),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A8-0129/2018),

A. billi l-indirizzar tal-problemi ta' dejn sovran tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw huwa element importanti fil-kooperazzjoni internazzjonali u jista' jikkontribwixxi għall-ksib tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) f'pajjiżi li qed jiżviluppaw;

---
[1]OJ C 353, 27.9.2016, p. 2.

B. billi l-ksib tal-SDGs fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw jirrikjedi investimenti enormi u billi l-flussi attwali ta' finanzjament f'dan il-qasam iħallu distakk ta' madwar USD 2,5 triljun fis-sena[1];

C. billi s-self huwa sors possibbli ta' finanzjament għall-iżvilupp; billi s-self għandu jkun responsabbli u prevedibbli; billi l-ispejjeż tiegħu jridu jiġu kkumpensati kompletament mir-rendiment fuq l-investiment, u r-riskji relatati mad-dejn iridu jiġu eżaminati bir-reqqa u għandhom jittieħdu miżuri biex dawn jiġu indirizzati;

D. billi l-kriżi tad-dejn tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw fit-tmeninijiet u d-disgħinijiet u l-kampanja kbira ta' serħan mid-dejn wasslu biex il-FMI u l-Bank Dinji nedew l-Inizjattiva tal-Pajjiżi Fqar b'Ħafna Dejn (HIPC) u l-Inizjattiva Multilaterali tas-Serħan mid-Dejn (MDRI) sabiex dawn il-pajjiżi jkunu jistgħu jimxu 'l quddiem lejn il-ksib tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju;

E. billi l-inizjattivi HIPC u l-MDRI mhumiex biżżejjed biex itemmu l-kriżi tad-dejn;

F. billi dawn l-inizjattivi u ż-żieda enormi fil-prezzijiet tal-materja prima tejbu s-sitwazzjoni finanzjarja ta' ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw u billi r-rati tal-imgħax eċċezzjonalment baxxi wara l-kriżi finanzjarja tal-2008 kkontribwew ukoll għas-sostenibbiltà tad-dejn; billi, madankollu, il-prezzijiet tal-materja prima niżlu mill-2008; billi kriżi ta' dejn ġdida bdiet f'pajjiżi foqra, u l-Mozambique, iċ-Chad, il-Kongo u l-Gambja ma jistgħux iħallsu d-dejn tagħhom;

G. billi kriżijiet ta' dejn ikkawżati mit-tnaqqis fil-prezzijiet tal-materja prima u l-volatilità tal-flussi tal-kapital jirrappreżentaw theddida kostanti għas-sostenibbiltà tad-dejn, speċjalment fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; li jkomplu jkunu dipendenti fuq l-esportazzjoni tal-prodotti bażiċi;

H. billi kien hemm żieda fin-numru ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw ikklassifikati mill-FMI u mill-Bank Dinji bħala pajjiżi li qed jiffaċċjaw piż ta' dejn mhux sostenibbli jew li huma f'riskju għoli jew medju, u billi l-biċċa l-kbira tal-pajjiżi b'introjtu baxx issa jiffurmaw parti minn waħda minn dawn il-kategoriji;

I. billi, skont l-FMI, il-medja tar-rati ta' dejn fl-Afrika sub-Saħarjana żdiedet b'mod konsiderevoli, minn 34 % tal-PDG fl-2013 għal 48 % fl-2017;

J. billi bosta pajjiżi, inklużi l-Etjopja, il-Gana u ż-Żambja, għandhom livelli ta' dejn li jammontaw għal 50 % tal-PDG, u billi dan jikkostitwixxi piż ta' dejn sinifikanti, meta wieħed iqis il-bażi baxxa tat-taxxa f'ħafna pajjiżi Afrikani;

K. billi s-servizz tad-dejn bħala perċentwal tal-infiq tal-gvern żdied b'mod konsiderevoli mill-2013 'l hawn, u billi dan inaqqas b'mod sostanzjali l-opportunitajiet għall-investiment pubbliku;

L. billi l-kuntest globali tad-dejn pubbliku nbidel b'mod kunsiderevoli matul dawn l-aħħar għaxar snin minħabba l-emerġenza ta' investituri privati, kif ukoll iċ-Ċina, bħala atturi

[1] World Investment Report 2014. Investing in the SDGs: An Action Plan, (Ninvestu fl-SDGs:Pjan ta' Azzjoni), UNCTAD tal-2014, paġni 140-145.

ċentrali;

M. billi l-kompożizzjoni tad-dejn tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw inbidlet, hekk kif il-kredituri privati u l-kundizzjonijiet kummerċjali ħadu rwoli dejjem aktar importanti u l-esponiment għall-volatilità tas-swieq finanzjarji żdiedet, li għandha impatt fuq is-sostenibbiltà tad-dejn; billi, għalkemm is-self denominat fil-valuta nazzjonali effettivament ineħħi r-riskji tar-rata tal-kambju, tali faċilità tista' tirriżulta sfavorevoli jew mhux fattibbli meta jkun hemm riżervi insuffiċjenti ta' kapital nazzjonali;

N. billi fost it-theddidiet għas-sostenibbiltà tad-dejn hemm mhux biss id-deterjorament tat-termini tal-kummerċ, id-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem, l-iżviluppi sfavorevoli u l-volatilità fis-swieq finanzjarji internazzjonali, iżda wkoll is-self irresponsabbli, il-ġestjoni ħażina tal-finanzi pubbliċi, l-użu ħażin tal-fondi u l-korruzzjoni; billi l-mobilizzazzjoni aktar effettiva tar-riżorsi interni għandha potenzjal kbir li ttejjeb is-sostenibbiltà tad-dejn;

O. billi huwa neċessarju li jissaħħu l-kapaċitajiet tal-amministrazzjonijiet tat-taxxa u t-trasferiment tal-għarfien fil-pajjiżi sħab;

P. billi, għakemm il-prinċipji tal-UNCTAD għall-għoti ta' self u l-assunzjoni ta' debiti sovrani b'mod responsabbli u l-linji gwida operattivi tal-G20 dwar il-finanzjament sostenibbli huma mingħajr dubju siewja sabiex jitwaqqaf qafas regolatorju, għandha tingħata prijorità lill-projbizzjoni ta' prattiki irresponsabbli permezz tal-introduzzjoni ta' prinċipji trasparenti, arranġamenti dissważivi vinkolanti u inforzabbli kif ukoll, meta dawn ikunu ġustifikati, sanzjonijiet;

Q. billi s-sostenibbiltà tad-dejn nazzjonali tiddependi mhux biss fuq l-istokk ta' dejn, iżda wkoll fuq fatturi oħra, bħall-garanziji finanzjarji espliċiti u impliċiti (obbligazzjonijiet kontinġenti) maħruġa mill-pajjiżi kkonċernati; billi s-sħubijiet pubbliċi-privati ta' spiss jinvolvu garanziji relatati, u jistgħu wkoll jagħtu lok għal riskji kbar ta' salvataġġ tal-banek fil-ġejjieni;

R. billi analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn ma għandhiex tiffoka biss fuq kunsiderazzjonijiet ekonomiċi, bħalma huma l-prospetti għal tkabbir ekonomiku futur tal-Istat debitur u l-kapaċità tiegħu li jonora d-dejn tiegħu, iżda trid tieħu inkunsiderazzjoni l-impatt tal-piż tad-dejn fuq il-kapaċità tal-pajjiż li jirrispetta d-drittijiet kollha tal-bniedem;

S. billi ż-żieda fl-użu tas-sħubijiet pubbliċi-privati (PPPs) f'pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-ambitu tal-Pjan ta' Investiment Estern tal-UE u l-Patt tal-G20 mal-Afrika tista' żżid id-dejn tal-Istati; billi l-investituri PPP huma protetti permezz ta' trattati ta' investiment bilaterali, b'mod partikolari l-mekkaniżmi tagħhom għas-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investitur u l-Istat, li jippermettu lill-investituri jressqu kawżi kontra stati ospitanti;

T. billi d-dejn odjuż magħmul minn reġimi sabiex ikunu possibbli prattiki jew tranżazzjonijiet korrotti li l-kredituri jagħrfuhom bħala tali qed jirriżultaw f'piż konsiderevoli għan-nies, b'mod partikolari dawk l-aktar vulnerabbli;

U. billi t-trasparenza ta' self magħmul lill-gvernijiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw hija essenzjali biex tiġi żgurata r-responsabbiltà tas-self; billi n-nuqqas ta' trasparenza kien fattur ewlieni li ffavorixxa s-self irresponsabbli magħmul lill-Mozambique, li kien

organizzat mingħajr kontrolli serji fuq il-kapaċità tal-pajjiż li jħallas lura d-dejn u sussegwentement moħbi mis-swieq finanzjarji u mill-poplu tal-Mozambique;

V. billi d-dejn odjuż huwa definit bħala dejn magħmul minn reġim u li jservi biex jiffinanzja azzjonijiet li jmorru kontra ċ-ċittadini tal-Istat, fatt li l-kredituri kienu konxji minnu, u billi dan jikkostitwixxi dejn personali tar-reġim li daħal għalih mal-kredituri li kienu kompletament konxji tal-intenzjoni ta' min qed jissellef; billi hemm nuqqas ta' kunsens fir-rigward ta' dan il-kunċett minħabba l-oppożizzjoni qawwija minn ċerti kredituri

W. billi l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi nazzjonali qed tiġi mxekkla mill-evażjoni fiskali u l-kompetizzjoni fiskali dannuża u permezz tat-trasferiment tal-profitti korporattivi transnazzjonali; billi l-inizjattiva tal-OECD dwar l-Erożjoni tal-Bażi tat-Taxxa u t-Trasferiment tal-Profitti (BEPS) hija risposta pożittiva iżda insuffiċjenti għal din is-sitwazzjoni; billi jeħtieġ li jitwaqqaf korp intergovernattiv għall-kooperazzjoni fil-qasam tat-taxxa taħt l-awspiċi tan-NU biex il-pajjiżi li qed jiżviluppaw ikunu jistgħu jipparteċipaw ugwalment fir-riforma globali tar-regoli internazzjonali fis-seħħ fil-qasam tat-taxxa, kif mitlub mill-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2016 dwar id-deċiżjonijiet fil-qasam tat-taxxa u miżuri oħra ta' natura jew effett simili[1];

X. billi l-flussi finanzjarji illeċiti mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw u mill-pajjiżi emerġenti huma stmati li jammontaw għal USD 1 triljun fis-sena u qed inixxfu kontinwament ir-riżorsi nazzjonali tagħhom, b'mod partikolari, dawk neċessarji għall-ksib tal-SDGs; billi dawn il-flussi jaġixxu bħala mutur ta' self barrani u jimminaw il-kapaċità li d-dejn jitħallas lura;

Y. billi t-twettiq tal-Aġenda 2030 u l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa jeħtieġ li jiġu kkunsidrati għażliet ta' finanzjament ġodda għall-SDGs, bħal pereżempju l-istabbiliment ta' taxxi fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji u taxxa fuq it-transazzjonijiet f'valuta barranija; billi, skont l-istimi tal-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali (BĦI), taxxa fuq it-transazzjonijiet f'valuta barranija ta' 0,1 % tista' faċilment tiffinanzja l-SDGs kollha tal-pajjiżi b'introjtu baxx (LICs) u l-pajjiżi b'introjtu medju baxx (LMICs)[2];

Z. billi hemm ħtieġa li jiġu indirizzati l-flussi finanzjarji illeċiti sabiex jiġu eliminati b'mod definittiv sal-2030, fost l-oħrajn permezz tal-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali permezz ta' miżuri li jiffaċilitaw l-iżvelar tad-data fiskali lill-awtoritajiet kompetenti u t-trasparenza tat-taxxa kemm fil-pajjiżi ta' oriġini u kif ukoll ta' destinazzjoni;

AA. billi l-arranġamenti eżistenti għat-trattament ta' inadempjenza fil-ħlas tad-dejn mill-pajjiżi huma fundamentalment differenti mill-proċeduri ta' insolvenza għall-kumpaniji stabbiliti f'ġurisdizzjonijiet nazzjonali, peress li ma hemm l-ebda arbitru imparzjali quddiem qorti; billi self fuq żmien qasir, marbut b'kundizzjonijiet u mħallas f'porzjonijiet, huwa pprovdut mill-FMI, li għandu l-kompitu li jiżgura l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja internazzjonali; billi l-Klabb ta' Pariġi ta' Stati kredituri jagħmel

[1] Testi adottati, P8_TA(2016)0310.
[2] Revisiting Debt Sustainability in Africa. (Reviżjoni tas-Sostenibbiltà tad-Dejn fl-Afrika.) Dokument ta' Sfond tar-rapport tal-2016 tal-UNCTAD għall-Iżvilupp Ekonomiku fl-Afrika: "Debt Dynamics and Development Finance in Africa" (Id-dinamika tad-dejn u l-finanzjament tal-iżvilupp fl-Afrika).

deċiżjonijiet dwar serħan mid-dejn biss għal dak li jikkonċerna s-self bilaterali uffiċjali mill-membri tiegħu; billi l-Klabb ta' Londra ta' kredituri privati jagħmel biss deċiżjonijiet dwar self bankarju kummerċjali mill-membri tiegħu; billi ma hemm l-ebda forum permanenti għal proċess deċiżjonali koordinat dwar ir-ristrutturar tad-dejn mill-kredituri kollha lil pajjiż f'diffikultà minħabba dejn;

AB. billi l-FMI jibqa' il-forum prinċipali għad-diskussjoni ta' kwistjonijiet relatati mar-ristrutturar tad-dejn sovran, u għandu influwenza sinifikanti fuq l-UE u l-Istati Membri tagħha;

AC. billi l-fondi opportunistiċi li jippruvaw jisfruttaw debituri f'diffikultà u li jinterferixxu fil-proċessi ta' ristrutturar tad-dejn ma għandhomx jitħallew jibbenefikaw minn appoġġ legali u ġudizzjarju għall-attivitajiet distruttivi tagħhom, u billi jridu jittieħdu aktar passi f'dan ir-rigward;

AD. billi, għalkemm is-serħan mid-dejn ipprovda lill-pajjiżi b'introjtu baxx b'opportunitajiet ġodda, jeħtieġ li jiġi rrilevat li dan huwa intervent wieħed biex tiġi restawrata s-sostenibbiltà tad-dejn u ma jindirizzax il-kawżi ta' bażi tal-akkumulazzjoni ta' dejn mhux sostenibbli, u billi l-isfidi bħal korruzzjoni, istituzzjonijiet dgħajfin u vulnerabbiltà għax-xokkijiet esterni jridu jiġu indirizzati b'mod prijoritarju;

1. Jenfasizza li l-faċilitajiet ta' kreditu responsabbli u previdibbli huma għodda indispensabbli għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw sabiex dawn jiġu żgurati futur dinjituż; jenfasizza, min-naħa l-oħra, li d-dejn sostenibbli huwa prekundizzjoni għall-kisba tal-Aġenda 2030; jinnota, madankollu, li l-finanzjament tad-dejn għandu jkun biss komplementarju u t-tieni l-aħjar għażla għall-istrumenti li ma joħolqux dejn bħad-dħul ġenerat mit-taxxi u t-tariffi u l-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp, peress li l-finanzjament tad-dejn jinvolvi riskji ta' kriżi inerenti u sostanzjali li jeżiġu l-istabbiliment ta' istituzzjonijiet adegwati għall-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-kriżijiet tad-dejn;

2. Jenfasizza li l-aċċess għas-swieq finanzjarji internazzjonali jippermetti lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jiġbru fondi bil-għan li jinkisbu l-għanijiet ta' żvilupp;

3. Jinnota bi tħassib li l-għoti ta' self lil pajjiżi foqra żdied b'mod drammatiku mill-2008; jibża' minn ċiklu ta' kriżi ġdida ta' dejn; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' aktar trasparenza, regolamentazzjoni aħjar ta' min isellef u ġustizzja fiskali u l-ħtieġa li jittieħdu passi li jippermettu lill-pajjiżi jkunu inqas dipendenti fuq l-esportazzjoni ta' materja prima;

4. Jinnota li s-self huwa mod importanti ta' kif jingħata appoġġ lil investiment, li huwa vitali sabiex jinkiseb żvilupp sostenibbli, inklużi l-SDGs;

5. Iqis li l-faċilitajiet ta' kreditu huma intrinsikament marbuta ma' forom oħra ta' finanzjament għall-iżvilupp, inklużi r-redditi mill-kummerċ, id-dħul mit-taxxa, ir-rimessi mill-migranti lejn il-pajjiżi li qed jiżviluppaw, kif ukoll l-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp; ifakkar, b'mod partikolari, li l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi nazzjonali permezz tat-tassazzjoni hija l-aktar sors importanti ta' dħul għall-finanzjament tal-iżvilupp sostenibbli; iħeġġeġ lill-UE, f'dan ir-rigward, biex iżżid l-assistenza tagħha ta' bini tal-kapaċità fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex trażżan il-flussi finanzjarji illeċiti, tappoġġja sistema fiskali effiċjenti, progressiva u trasparenti b'mod konformi mal-prinċipji ta' governanza tajba u żżid l-assistenza tagħha biex tiġġieled kontra l-

korruzzjoni u tirkupra l-assi misruqa;

6. Jinsab imħasseb dwar iż-żieda sostanzjali fid-dejn privat kif ukoll dak pubbliku f'ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw u dwar l-impatti negattivi tiegħu fuq il-kapaċità tagħhom li jiffinanzjaw l-infiq ta' investiment fis-saħħa, l-edukazzjoni, l-ekonomija u l-infrastruttura;

7. Itenni li l-pjanijiet ta' aġġustament strutturali applikati fid-disgħinijiet għall-pajjiżi b'dejn eċċessiv ħallew effett ħażin fuq l-iżvilupp tas-setturi soċjali bażiċi u naqqsu l-kapaċità ta' dawk il-pajjiżi li jassumu r-responsabbiltajiet essenzjali li huma għandhom bħala nazzjonijiet sovrani biex jiżguraw is-sigurtà;

8. Jenfasizza li l-miżuri ta' serħan mid-dejn ma għandhomx jostakolaw il-provvista ta' servizzi bażiċi u jfixklu r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem kollha, b'mod partikolari d-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali, u l-iżvilupp fl-Istat riċevitur;

9. Iqis li r-responsabbiltà primarja għall-iżvilupp eċċessiv tad-dejn (estern) hija tal-politiċi li jiggvernaw il-pajjiżi inkwistjoni, iżda li d-debituri u l-kredituri jeħtieġ li jikkondividu r-responsabbiltà għall-prevenzjoni u s-soluzzjoni ta' sitwazzjonijiet ta' dejn li mhuwiex sostenibbli; jissottolinja, b'mod aktar ġenerali, ir-responsabbiltà konġunta tad-debituri u l-kredituri biex jipprevjenu u jsolvu l-kriżi tad-dejn permezz ta' self aktar responsabbli;

10. Jirrimarka li t-taħlit jista' jikkawża bużżieqa ta' dejn, prinċipalment fil-pajjiżi tal-Afrika Sub-Saħarjana u tal-Karibew, u jħalli tali pajjiżi bi dħul limitat biex ikunu jistgħu joneraw id-dejn; tistieden lid-donaturi, għaldaqstant, biex jagħtu l-maġġoranza tal-għajnuna tagħhom lill-pajjiżi l-anqas żviluppati (LDCs) fil-forma ta' għotja; itenni li kwalunkwe deċiżjoni biex jiġi promoss l-użu ta' PPPs permezz tat-taħlit fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw għandha tkun ibbażata kemm fuq valutazzjoni bir-reqqa ta' dawn il-mekkaniżmi, b'mod partikolari f'termini ta' addizzjonalità finanzjarja u ta' żvilupp, trasparenza u rendikont, kif ukoll fuq il-lezzjonijiet meħuda mill-esperjenzi tal-passat; jitlob li r-reviżjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD) tkun tinkludi kriterji ċari dwar is-sostenibbiltà tad-dejn;

11. Jenfasizza l-importanza tad-definizzjoni ta' mekkaniżmi ta' salvagwardja sabiex l-obbligi kontinġenti tal-gvern jiġu impediti milli jdgħajfu s-sostenibbiltà tad-dejn ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw; iħeġġeġ, b'mod partikolari, il-banek ta' żvilupp multilaterali biex iwettqu valutazzjonijiet tal-impatt fiskali ex ante tar-riskju ta' proġetti ta' PPP (filwaqt li jiġu kkunsidrati r-riskji fiskali sħaħ tul il-ħajja tal-proġetti ta' PPP), sabiex ma tiġix imminata s-sostenibbiltà tad-dejn ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw; huwa tal-opinjoni li l-FMI u l-Bank Dinji għandhom jinkludu l-ispejjeż kollha tal-PPP fl-Analiżi tas-Sostenibbiltà tad-Dejn tagħhom;

12. Iqis li r-regoli jew l-istrumenti fis-seħħ bħalissa huma insuffiċjenti jew, f'livelli differenti, mhux vinkolanti biżżejjed;

13. Jitlob lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jiġġieldu b'mod attiv ir-rifuġji fiskali, l-evażjoni tat-taxxa u l-flussi finanzjarji illeċiti, li kull ma jagħmlu hu li jżidu l-piż tad-dejn tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, biex jikkooperaw mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw sabiex jiġġieldu l-evitar tat-taxxa aggressiv, u biex ifittxu modi biex jgħinu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw ħalli dawn ikunu jistgħu jirreżistu l-pressjoni li jidħlu f'kompetizzjoni

fiskali, peress li dan jikkawża dannu għall-mobilizzazzjoni tad-dħul nazzjonali għall-iżvilupp;

14. Huwa tal-fehma li, meta l-użu ħażin ta' fondi pubbliċi huwa identifikat mill-awtoritajiet, il-kredituri għandhom jiskattaw miżuri ta' twissija, u fejn dawn ma jkunux effettivi, għandhom jimponu sanzjonijiet ta' sospensjoni jew anki jeżiġu li s-self jitħallas lura qabel ma t-terminu mniżżel fil-kundizzjonijiet tas-self jiskadi;

15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jippromwovu l-aċċess pubbliku għad-data dwar id-dejn sovran tagħhom u biex jappoġġjaw l-edukazzjoni soċjali f'dan il-qasam, peress li informazzjoni dettaljata dwar l-istat tal-finanzi pubbliċi hija rarament disponibbli għas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw;

16. Jitlob li titfassal leġiżlazzjoni sabiex jiġi impedit l-għoti ta' self lil gvernijiet korrotti b'mod evidenti u li jiġi ssanzjonat kwalunkwe kreditur li konxjament jagħtihom self;

17. Jitlob lill-Kummissjoni tfassal, f'koordinazzjoni mal-atturi internazzjonali maġġuri u l-pajjiżi kkonċernati, White Paper bi strateġija ġenwina intiża sabiex issalva l-pajjizi li qed jiżviluppaw mid-dejn eċċessiv billi tadotta approċċ multilaterali, tispeċifika d-drittijiet, l-obbligi u r-responsabbiltajiet ta' dawk kollha kkonċernati, kif ukoll tikkunsidra dispożizzjonijiet istituzzjonali l-aktar xierqa sabiex jiġi żgurat approċċ ekwu u sostenibbli għall-problema tad-dejn; jirrakkomanda t-tfassil ta' kodiċi ta' kondotta dwar il-ġestjoni tal-kreditu għall-atturi istituzzjonali, politiċi u privati;

18. Josserva li l-biċċa l-kbira tal-għanjiet għall-iżvilupp sostenibbli huma simili għad-drittijiet tal-bniedem u għalhekk jikkostitwixxu għanfihom infushom fil-ġlieda kontra l-faqar, kuntrarjament għall-ħlas tad-dejn, li, min-naħa l-oħra, huwa biss mezz biex jintlaħaq l-għan;

19. Japprova l-"prinċipji gwida dwar id-dejn barrani u d-drittijiet tal-bniedem" ifformulati mill-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem, li skonthom id-dritt għall-ksib tal-għanjiet ta' żvilupp sostenibbli għandu jkollu prijorità fuq l-obbligu ta' ħlas tad-dejn; jistieden lill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jippromwovu l-użu sistematiku tal-evalwazzjonijiet tal-impatt fuq id-drittijiet tal-bniedem fil-qafas tal-evalwazzjonijiet tas-sostennibbiltà tad-dejn magħmula mill-FMI u l-Bank Dinji;

20. Jistieden lill-UE u l-Istati Membri tagħha jaderixxu ma' dawn il-prinċipji fis-self bilaterali tagħhom u meta jaġixxu fi ħdan l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali;

21. Jinnota li l-analiżijiet tas-sostenibbiltà tad-dejn (DSA) tal-FMI u l-Bank Dinji huma normalment użati mill-persuni li jsellfu biex jiggwidawhom fis-self tagħhom; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu indirizzati l-iżvantaġġi tagħhom, b'mod partikolari l-monitoraġġ tad-dejn privat estern u n-nuqqas ta' integrazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem;

22. Iħeġġeġ lill-partijiet interessati fil-qasam tal-iżvilupp jivvalutaw l-impatt tas-servizz tad-dejn fuq il-kapaċità ta' finanzjament ta' pajjiżi b'ħafna dejn fid-dawl tal-SDGs, li jridu jitwettqu sal-2030 u li jrid ikollhom prijorità fuq id-drittijiet tal-kredituri li b'mod konxju jagħtu self lill-gvernijiet korrotti;

23. Jappoġġja r-rakkomandazzjoni tal-UNCTAD li jitwaqqaf Fond Afrikan għall-Istabbilizzazzjoni tal-Prezzijiet tal-Materja Prima sabiex titnaqqas il-ħtieġa li wieħed jirrikorri għal self meta jonqsu l-prezzijiet tal-komoditajiet;

24. Jistieden lill-Istati Membri u l-pajjiżi kredituri rilevanti l-oħra biex jipprovdu aktar finanzjament għall-investimenti tal-SDG u biex iżommu l-wegħda ta' żmien ilu tagħhom li jipprovdu 0,7 % tal-ING tagħhom bħala għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp; Jitlobhom jipprovdu dan il-finanzjament fil-forma ta' għotjiet pjuttost milli self, fejn rapporti ta' evalwazzjoni jindikaw li l-ksib tal-SDGs huwa kompromess fuq żmien twil minħabba d-deterjorament fil-finanzi pubbliċi; iħeġġeġ pajjiżi kredituri, barra minn hekk, jistabbilixxu sorsi ġodda innovattivi u diversifikati ta' finanzjament biex jinkisbu l-SDGs, bħal taxxa fuq it-tranżazzjonijiet f'valuta barranija u taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji, li jistgħu jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà tad-dejn ta' kull pajjiż, b'mod partikolari fi żminijiet ta' kriżi finanzjarja;

25. Huwa mħasseb dwar ir-reviżjoni mill-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp (DAC) tal-OECD tal-kriterji ta' rappurtar tal-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp, b'mod partikolari għall-istrumenti tas-settur privat, peress li kriterji ta' rapportar usa' joħolqu inċentivi għall-użu ta' ċerti modalitajiet ta' għajnuna, speċjalment self u garanziji; jinnota li, filwaqt li għaddejjin dawn id-diskussjonijiet, id-donaturi bħalissa huma diġà permessi jirrapportaw ċertu self u garanziji bħala għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp, mingħajr ma hemm fis-seħħ għadd ta' regoli miftiehma; jenfasizza l-ħtieġa li jinħolqu salvagwardji fir-rigward tat-trasparenza u d-dejn;

26. Jenfasizza l-fatt li t-trasparenza għandha tiġi promossa sabiex tijieb ir-responsabbiltà tal-atturi konċernati; jenfasizza kemm l-importanza tal-iskambju ta' kemm id-data kif ukoll il-proċessi relatati man-negozjar mill-ġdid tad-dejn sovran;

27. Japprova l-prinċipji definiti mill-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp għal politika responsabbli dwar il-kreditu, prinċipji li jenfasizzaw b'mod partikolari r-responsabbiltà konġunta bejn il-kredituri u min jissellef (il-prinċipji tal-UNCTAD għall-għoti u t-teħid responsabbli ta' self sovran) kif ukoll il-kontroll Parlamentari indispensabbli fl-operazzjonijiet ta' finanzjament pubbliku u jistieden lill-Unjoni Ewropea tappoġġja l-implimentazzjoni ta' dawn il-prinċipji; iqis li l-prinċipji tal-UNCTAD għall-għoti u t-teħid responsabbli ta' self għandhom isiru strumenti ġuridikament vinkolanti u inforzabbli;

28. Iqis li t-trasparenza u r-responsabbiltà huma essenzjali biex jiġi appoġġjat is-self sovran responsabbli; jistieden, għal dan il-għan, lill-Istati Membri biex jibnu fuq l-impenji li saru fl-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa u fil-Linji Gwida Operazzjonali dwar il-Finanzjament Sostenibbli tal-G20 biex irendu dawk li jsellfu aktar responsabbli għas-self tagħhom, fuq il-bażi tal-prinċipji ta' trasparenza u responsabbiltà fis-seħħ li jipprevalu fl-industriji estrattivi (EITI - Inizjattiva għat-trasparenza tal-industriji estrattivi ); u jippromwovu d-disponibbiltà pubblika tad-data dwar id-dejn sovran, inklużi l-obbligi kontinġenti permezz tal-ġbir ta' din id-data f'reġistru pubbliku ċentralizzat; jistieden lill-Istati Membri biex sistematikament jippubblikaw informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' self tagħhom lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

29. Jenfasizza l-ħtieġa li jintlaħaq qbil dwar regoli internazzjonali vinkolanti li jindirizzaw id-dejn odjuż u illeġittimu; huwa tal-fehma, għalhekk, li r-ristrutturar tad-dejn għandu

jkun appoġġjat minn awditu indipendenti tad-dejn bħala mod biex wieħed jiddistingwi s-self illeġittimu u odjuż minn self ieħor; jenfasizza li s-self illeġittimu u odjuż għandu jiġi annullat;

30. Jiddeplora r-rifjut fl-2015 tal-Istati Membri, wara l-adozzjoni tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 11705/15 (tas-7 ta' Settembru 2015), li japprovaw ir-riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU 69/319 dwar il-prinċipji fundamentali tal-proċessi ta' ristrutturar tad-dejn sovran, li madankollu ġiet adottata b'maġġoranza fl-Assemblea Ġenerali tan-NU fl-10 ta' Settembru 2015;

31. Jenfasizza l-importanza tal-konsistenza ta' azzjoni meħuda fil-livell tal-FMI u fil-kuntest tan-NU u tal-koordinazzjoni tal-pożizzjonijiet fost l-Istati Membri bl-aħjar mod possibbli;

32. Jenfasizza l-ħtieġa li tissolva l-kriżi tad-dejn b'mod ġust, rapidu u sostenibbli permezz tal-istabbiliment ta' mekkaniżmu internazzjonali ta' ristrutturar tad-dejn, li jibni fuq il-pjan direzzjonali tal-UNCTAD fuq ir-ristrutturar tad-dejn sovran u l-idea hekk imsejħa Stiglitz tal-Kummissjoni li jiġi stabbilit Ċentru Internazzjonali ta' Ristrutturar tad-Dejn (IDRC);

33. Jitlob lill-Istati Membri jattivaw il-mandat adottat fir-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU 69/319 tal-10 ta' Settembru 2015 bil-għan li:

(a) jinħolqu mekkaniżmi ta' twissija bikrija bbażati fuq ir-rappurtar ta' deterjorament usa' fis-sostenibbiltà tad-dejn, li għandhom jgħinu biex jiġu identifikati r-riskji u l-vulnerabbiltajiet ta' pajjiżi b'dejn kbir fi stadju bikri;

(b) jiġi permess, f'koordinazzjoni mal-FMI, it-twaqqif ta' qafas legali multilaterali għar-ristrutturar organizzat u previdibbli tad-dejn sovran ta' stati sabiex jiġi evitat li dan id-dejn isir insostenibbli u sabiex tittejjeb il-prevedibbiltà għall-investituri; jkun hemm rappreżentanza ġusta tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-entitajiet deċiżjonali ta' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali;

(c) jiġi żgurat li l-UE tappoġġja lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, l-attivitajiet kriminali, l-evitar tat-taxxa u l-ħasil tal-flus;

34. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaħdmu f'fora internazzjonali u flimkien mas-settur privat biex jiżviluppaw qafas regolatorju li jiżgura trasparenza sħiħa tal-kundizzjonijiet li jirregolaw self lil pajjiżi li qed jiżviluppaw u s-sjieda ta' dan is-self, bħalma huma l-Patt ta' Self Trasparenti li qed jiġi diskuss minn xi istituzzjonijiet finanzjarji;

35. Jiddispjaċih li l-pressjoni fuq l-istati bħat-Tuneżija jinkoraġġuhom biex ma jwettqux awditi pubbliċi tal-oriġini u l-kundizzjonijiet tad-djun tagħhom; jitlob li l-UE taħdem ma' donaturi u istituzzjonijiet internazzjonali oħra bħall-FMI biex tipproteġi u tinkoraġġixxi d-dritt tal-Istati li jwettqu awditi tad-dejn pubbliku;

36. Jitlob bil-qawwa l-adozzjoni ta' regola applikabbli f'każ ta' theddida ta' insolvenza, li se ċċaħħad il-kredituri mid-dritt li jieħdu azzjoni legali kontra l-pajjiż li jkun qed jissellef, jekk dan is-self ma jiġix awtorizzat debitament mill-parlament nazzjonali tiegħu;

37. Jitlob li l-Istati Membri jadottaw, fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, regolament ibbażat fuq il-liġi Belġjana dwar il-ġlieda kontra l-ispekulazzjoni ta' debiti msejħa "fondi opportunistiċi";

38. Jitlob lill-kredituri istituzzjonali u privati jaċċettaw moratorju fuq id-dejn wara li jkun hemm diżastru naturali jew kriżi umanitarja akuta, inkluża l-wasla mhux tas-soltu ta' numru kbir ta' immigranti, sabiex il-pajjiż li jkun qed jissellef ikun jista' jiddedika r-riżorsi kollha tiegħu ħalli jġib lura n-normalità;

39. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Id-dejn jista' jkun ta' benefiċċju jew ta' ħsara. Ikun ta' benefiċċju jekk is-self jiffinanzja xi ħaġa li tibqa' ta' siwi wara l-amortizzament tiegħu. Ikun ta' ħsara meta l-flus mislufa jservu biex jiffinanzjaw l-infiq tal-konsum, jew meta jkun mifni bil-korruzzjoni. Id-dejn għandu jiġi kkuntrattat għall-iskop ta' investiment fit-tul, filwaqt li l-infiq tal-konsumatur għandu jiġi ffinanzjat bi flus kontanti. Din għandha tkun ir-regola fundamentali mhux biss għall-individwi iżda wkoll għall-operaturi ekonomiċi jew politiċi. Self bl-addoċċ jitfa' l-piż ta' amortizzament fuq ġenerazzjonijiet futuri. Il-ħruġ ta' self bl-addoċċ jissarraf f'riskju irresponsabbli kemm għal min ifaddal kif ukoll għal min jissellef.

Dan ir-rapport ma għandux l-għan li jerġa' jiddeskrivi għal darb'oħra s-sitwazzjoni attwali oħra tad-dejn tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Il-fini tiegħu hu li jagħti lill-Unjoni Ewropea ċerti regoli bażiċi li, jekk ma jsolvux il-problema tad-dejn eċċessiv, għall-anqas jevitaw eċċessi ġodda f'dan il-qasam. Għal dan il-għan, huwa importanti li jitqiesu l-aggregati ewlenin fl-interazzjoni tagħhom. Ikun għaqli li l-partijiet interessati kollha istituzzjonali, politiċi u privati jinġiebu biex jaċċettaw kodiċi ta' kondotta li jiżgura li s-self ikun parti mis-soluzzjoni u mhux iwassal għat-triq tan-niżla kkaratterizata minn deterjorament ekonomiku, miżerja soċjali, problemi ta' inċertezza u kriżi oħra ta' governanza fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

L-Unjoni Ewropea hija minn ta' quddiem f'dan il-qasam u biħsiebha tinkludi l-azzjoni esterna tagħha fil-promozzjoni tad-demokrazija, fir-rispett tad-dritt internazzjonali u tad-drittijiet tal-bniedem, f'approċċ ta' sħubija bbilanċjata, u fil-qerda tal-faqar. Dan l-aħħar, l-Unjoni ddikjarat l-objettivi dwar l-iżvilupp sostenibbli bħala prijorità assoluta fil-qafas tal-istrateġija 2030 tagħha.

Meqjusa bħala pijunier dinji fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, l-UE saret referenza ċentrali għall-pajjiżi l-oħra kollha attivi f'dan il-qasam. Madankollu hemm aktar x'tista' tagħmel. Ir-rwol emblematiku tagħha huwa li tippromwovi l-approċċ multilaterali fejn l-isforzi ta' kulħadd jistgħu jħallu f'valur miżjud reali.

Għalhekk, il-Kummissjoni u l-Istati Membri flimkien iridu jagħtu bidla ġdida fl-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp bil-għan partikolari li jirregolaw aħjar l-għoti ta' self lil pajjiżi li qed jiżviluppaw. Is-self lill-pajjiżi mgħarrqa fil-korruzzjoni, fejn il-fondi jservu l-ewwel u qabel kollox biex jimlew bwiet il-kbarat tal-pajjiż, huwa ta' ħsara kemm għall-kreditur kif ukoll għar-riċevitur. Gvern li ser jissellef mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-parlament tiegħu jkun qed jaħrab mid-dibattitu pubbliku u ftit li xejn ikun qed jilħaq l-aspirazzjonijiet tal-poplu tiegħu. Dawk li madankollu jinsistu fuq l-għoti ta' self lil tali pajjiż, possibbilment billi jgħinu u jsiru kompliċi ta' dawk responsabbli għall-użu ħażin ta' fondi pubbliċi, ma għandhomx jibqgħu jkunu jistgħu joqogħdu fuq l-irkupru tas-sehem tagħhom f'każ li pajjiż debitur jiġi ffaċċjat b'insolvenza, u r-regoli applikabbli fl-Istati Membri tagħna għandhom jiġu adattati skont dan.

Fl-istess waqt, ir-ristrutturar tad-dejn ma għandux jibqa' tabù għall-Unjoni Ewropea. It-twettiq tal-SDGs sar prijorità assoluta wara l-adozzjoni min-Nazzjonijiet Uniti tar-Riżoluzzjoni A/RES/70/1. Il-fatt li l-pajjiżi jitħallew jissellfu bl-addoċċ jista' jikkomprometti serjament it-twettiq ta' dan l-impenn. Il-kooperazzjoni multilaterali ġġib magħha wkoll elementi importanti fit-tfittxija ta' soluzzjoni għall-problema tal-prekarjetà, tal-faqar estrem u tal-inċertezza li tirriżulta minn piż żejjed tad-dejn sovran. L-UNCTAD hija attwalment pijuniera f'dan il-qasam u dan ir-rapport iqis l-ideat indikati fid-dokument tiegħu bit-titolu "Il-

prinċipji għall-għoti u t-teħid responsabbli ta' self sovran". Ma hemm xejn inevitabbli dwar il-faqar li qed jaffettwa pajjiżi li qed jiżviluppaw li għandhom ħafna dejn.

L-UE u l-Istati Membri tagħha jistgħu jagħmlu differenza f'termini ta' responsabbilizzazzjoni tal-partijiet kollha involuti fl-operazzjonijiet tas-self sovran. Ir-rakkomandazzjonijiet ewlenin f'dan ir-rapport huma li jiġi skoraġġut l-għoti ta' self li ma jkollu l-ebda impatt fuq l-iżvilupp, li jkun żgurat li l-parlamenti tal-pajjiżi debituri jieħdu d-deċiżjonijiet dwar it-teħid ta' self, li jiġu inkoraġġuti modi ta' finanzjament li ma jipperikolawx il-ġenerazzjonijiet futuri, li jintlaħaq qbil fuq proċedura ta' insolvenza tal-pajjiżi li jkunu waqqfu l-pagamenti, u li d-dritt għall-iżvilupp taċ-ċittadini tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw jingħata preċedenza fuq id-dritt għall-irkupru tad-dejn.

Jekk irridu li jinkisbu l-SDGs sal-2030, għandna biss 12-il sena biex naġixxu. Għandna 12-il sena biex nilħqu l-aspettattivi li tqajmu mill-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp il-ġdid. Fi ftit kliem, l-UE tagħmel sew jekk toqgħod lura minn kull approċċ li jonqos milli jrendi l-kredituri u l-emittenti tal-bonds sovrani responsabbli u jħalli lill-vittmi jħallsu l-ispiża tal-kriżi tad-dejn riżultanti.

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 20.3.2018 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 17<br>–: 9<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Beatriz Becerra Basterrechea, Ignazio Corrao, Mireille D’Ornano, Nirj Deva, Charles Goerens, Enrique Guerrero Salom, Maria Heubuch, György Hölvényi, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Stelios Kouloglou, Linda McAvan, Norbert Neuser, Vincent Peillon, Cristian Dan Preda, Lola Sánchez Caldentey, Elly Schlein, Eleni Theocharous, Paavo Väyrynen, Bogdan Brunon Wenta |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Frank Engel, Cécile Kashetu Kyenge, Maria Noichl, Adam Szejnfeld, Rainer Wieland |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Jill Evans |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 17 | + |
|---|---|
| ALDE | Beatriz Becerra Basterrechea, Charles Goerens, Paavo Väyrynen |
| ECR | Nirj Deva |
| EFDD | Ignazio Corrao, Mireille D'Ornano |
| GUE/NGL | Stelios Kouloglou, Lola Sánchez Caldentey |
| S&D | Enrique Guerrero Salom, Cécile Kashetu Kyenge, Linda McAvan, Norbert Neuser, Maria Noichl, Vincent Peillon, Elly Schlein |
| VERTS/ALE | Jill Evans, Maria Heubuch |

| 9 | - |
|---|---|
| ECR | Eleni Theocharous |
| PPE | Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Frank Engel, György Hölvényi, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Cristian Dan Preda, Adam Szejnfeld, Bogdan Brunon Wenta, Rainer Wieland |

| 0 | 0 |
|---|---|
| | |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni